# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024.

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 31/2023 ISB**

**L-Avukat Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Rene Edwin Bultena (Detentur ta' Passport Olandiż Numru NK 1687458) residenti Herenweg 292, 3645X, Vinkeveen, Olanda**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tar-rikorrent noe l-**Avukat Cedric Mifsud**, intavolat fis-27 ta' April 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

*Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*(i) jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Sursum Velum Limited (C-2230) fir-registru tal-kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar,*

*kif ukoll li :*

*(ii) jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relativi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u danakollu taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi r-rikorrenti huwa direttur tas-socjeta` Sursum Velum Limited (C-39088) registrata fl-indirizz Sea Breeze, Triq Giuseppe Cali, Ta' Xbiex, Malta liema socjeta ghandha kapital ta' elf mija, hamsa u sittin Euro (€1,165) maqsum f'hames mitt ishma b'valur ta' zewg Euro u tlieta u tlettin centezmu (€2,33) kull wiehed u dan kif jidher mill-istatut ta' l-imsemmija socjeta, hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. A.*

*Illi l-ishma fis-socjeta Sursum Velum Limited huma maqsumin f'mitejn u hamsin (250) sehem favur Merlene Jacoba van der Pols, detentrici tal-Passport Numru BJ8FL5J82 (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. B.) u f'mitejn u hamsin (250) sehem favur Jusoma Holding B.V. kumpanija registrata l'Olanda, bin-numru ta' registrazzjoni 30141924, bl-indirizz Herenweg 292, 3645X Vinkeveen, Olanda (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. C.). Is-sid benficcarju ta' Jusoma Holding B.V. huwa r-rikorrent Rene Edwin Bultena;*

*Illi s-socjeta Sursum Velum Limited hija socjeta registrata a bazi ta' l-Artikolu 84Z tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u hija ntiza biss biex tkun propjetarja ta' bastiment bl-isem ta' 'Alina', li sas-sena 2018 kien registrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ufficjali 10200 (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. D.);*

*Illi l-isem tas-socjeta Sursum Velum Limited, thassar mir-registru tal-Kumpanniji fis-17 ta' Gunju 2021 (Vide d-dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. E.) u dan ai termini tal-artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Illi kif gia gie dikjarat hawn fuq l-iskop principali tal-kumpannija kien biss li tkun sid ta' l-imsemmi bastiment, liema bastiment, tat-tip jott, jintuza biss ghal skopijiet private tar-rikorrenti Rene Edwin Bultena u mhux ghal skopijiet kummercjali;*

*Illi peress il-kumpanija ma kellhiex introjtu kummercjali, l-azzjonisti, Merlene Jacoba van der Pols u Jusoma Holding B.V. kienu jissusidjaw l-ispejjes kollha tal-kumpannija li principalment kienu relatati maz-zamma u l-manutenzjoni tal-bastiment;*

*Illi fl-ahhar snin l-azzjonisti ghaddew minn perjodu fejn kellhom diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk il-prijorita taghhom kien li juzaw il-flus taghhom fuq attivitajiet ohra. Konsegwentament, ir-rikorrenti bhala Direttur u sid beneficarju ma kellhux ir-rizorsi necessarji sabiex jmantni s-socjeta Sursum Velum Limited u l-bastiment hawn fuq imsemmi;*

*Illi bhala rizultat ta' dan l-istat ta' fatt u peress il-kumpannija ma aderixxietix ma certu obbligi mposti mill-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-registratur hassar l-isem tal-kumpannija mir-Registru.*

*Illi llum l-azzjonisti huma f'qaghda finanzjarja adegwata sabiex jaghmlu l-kontribuzzjonijiet necessarji sabiex il-kumpannija terga tigi f'stat ta' 'good standing' u tkompli taderixxi mall-obbligi tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ghalhekk r-rikorrenti lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tas-socjeta` in kwistjoni specjalment sabiex l-assi tal-kumpannija, cioe il-bastiment, jkun konservat u l-kumpannija tkompli tkun is-sid tieghu.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 37).

Rat **id-digriet** tagħha tal-5 ta' Mejju 2023, li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-20 ta' Mejju 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimata ppreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 42) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Sursum Velum Limited (C 39088) ("il-kumpannija") kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji ("Reġistru") fl-10 ta' Lulju 2006;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpannija naqqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2014;*

*Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations u għaldaqstant baqgħet qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpanniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpannija u lill-uffiċjal uniku tagħha (annessi u mmarkati bħala Dok. "A" l-ittri u l-pubblikazzjonijiet maħruġa) Rene Edwin Bultena sabiex tavża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tiġix sottomessa l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija fl-indirizz Sea Breeze, G.Cali Street, Ta' Xbiex u lill-uffiċjal tagħha fl-indirizz Herenweg 292, 3645DX Vinkeveen , Holland Netherlands, datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tissottomettix l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi, Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpannija, la d-direttur tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponenti kompliet sabiex tħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru b'effett mils-17 ta' Ġunju 2021;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxi b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu;*

*Illi r-rikorrent injora wkoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 800****, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal* ***EUR 18,363.50****;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġie mħassar l-isem ta' tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, il-*

*prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, deher ir-rikorrent noe Dr Cedric Mifsud u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2023, ir-rikorrent noe ppreżenta nota (fol 62 u fol 63) b'affidavit ta' **Rene Edwin Bultena** b'dokumenti annessi (fol 64 sa fol 159).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Diċembru 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjetà Sursum Velum Limited (C-39088) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent noe *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent noe, jgħid li huwa direttur tal-kumpanija **Sursum Velum Limited (C-39088)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent noe għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandu interess li l-kumpanija tibqa' operattiva u dan minħabba li l-kumpanija għad għandha f'isimha assi li r-rikorrent noe. ma jixtieqx li jgħaddu għand il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrent noe ddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Sursum Velum Limited (C-39088) u fil-fatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi fl-affidavit tiegħu, **Rene Edwin Bultena** jgħid li fl-2006 kien beda jaħseb li jixtri *sailing yacht* sabiex jużaha fil-ħin liberu tiegħu u la darba dan kien ser ikun investiment konsiderevoli kien involva lil Marlene Jacoba Ven Der Pols sabiex jixtru l-bastiment flimkien.

Jispjega li f'dak iż-żmien kien qed jikri *sailing yacht* bl-isem Alina u kien ftiehem mas-sidien tagħha li jixtriha u meta xtraha kien identifika Malta bħala l-post ideali fejn tiġi rreġistrata u kien ġie suġġerit lilu li jistabilixxi kumpanija f'Malta sabiex tkun hi s-sid tal-bastiment u għalhekk ġiet stabbilita l-kumpanija Sursum Velum Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C-39088.

Jgħid li l-kumpanija kellha *share capital* ta' ħames mitt Lira Maltin (Lm500) maqsuma f'ħames mitt (500) sehem ordinarju, liema ishma kienu maqsuma nofs bin-nofs bejn il-kumpanija Jusoma Holding B.V. li tappartjeni lilu u Marlene Jacoba Van der Pols. Jispjega li hu kien appuntat direttur tal-istess kumpanija.

Jispjega li fil-5 ta' Lulju 2007 ġie konkluż il-bejgħ tal-bastiment li sar tramite self tal-azzjonisti fl-ammont ta' tmien mija u ħmistax-il elf Ewro (€815,000).

Isostni li minn dakinhar il-bastiment kien ikun marbut f'portijiet diversi fil-baħar Mediterran. Jgħid li x-xogħol amministrattiv tal-kumpanija kienet tagħmlu l-kumpanija ta' Roland Darmanin Kissaun, S&D Yachts u l-kontijiet annwali kienu jsiru minn Anton Chetcuti Ganado & Associates.

Jispjega li sal-2009 il-bastiment kien mikri kummerċjalment madwar sitt darbiet lil terzi u l-flus miġbura kienu jgħinu fl-ispejjeż. Jgħid li mill-2010 il-bastiment ġie trasferit fl-Olanda u intuża esklussivament għall-passatemp. Jgħid li fl-2014 miet Roland Darmanin Kissaun u l-komunikazzjoni ma' S&D Yachts saret irregolari u waqaf jirċievi aġġornamenti. B'hekk l-aħħar li saru kontijiet annwali kien fl-2013. Dan anke minħabba li Anton Chetcuti Ganado wkoll kien miet u l-uffiċju tal-awdituri kien ġie xjolt.

Jispjega li bejn l-2017 u l-2018 hu u Marlene Jacoba van der Pols kellhom xi diffikultajiet finanzjarji u l-bastiment ma kienx prijorità u għalhekk anke r-reġistrazzjoni tal-vapur ma tħallsitx wara l-2017. Jgħid li meta rkupraw ivverifikaw x'kien hemm bżonn sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom u sabu li l-kumpanija kienet tneħħiet mir-reġistru tal-kumpaniji. Isostni li għandu interess li l-kumpanija tiġi ri-attivata sabiex jirrintegra l-pożizzjoni tiegħu ta' sid tal-bastiment.

Illi l-intimata Reġistratur tgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Sursum Velum Limited (C-39088) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent hekk għamel tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa fl-aħħar seduta illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations[1], fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Sursum Velum Limited (C-39088)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Sursum Velum Limited (C-39088)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Sursum Velum Limited (C-39088)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent noe.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[1] B'digriet tal-25 ta' Marzu 2024 il-kliem "tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta" ġie sostitwit bil-kliem "tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations".